# TAĦRIĠ GĦAS-SEBA' SENA (SKOLA MEDJA)

# Il-Malti

## Il-5 Pakkett
## bir-risposti ta'
## Pakkett n. 4 u Pakkett n. 5

malti.skola.edu.mt

Daqqa t'id fil-Malti

DaqqatIdFilMalti

## A. Fehim mill-Qari

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Kulħadd iċapċap u jsaffar bla ma jaf x'qed jiġri. Kienet qed issir il-famuża tellieqa tal-ixkora... xkejjer tal-patata jinqalbu u jaqgħu u dawk l-iffurtunati jaqbżu quddiem u jidħlu l-ewwel. Naħa oħra kienu qed jixħtu qisha boċċa tqila. Tiskanta ċerti tfal kemm ikunu jinqalgħu! Wara tal-ixkora, ġew il-bniet bil-ħbula, it-tellieqa ta' tliet saqajn, it-tfigħ tad-diskus, it-tfigħ tal-lanza... u t-tfigħ tal-karti u l-bottijiet vojta tal-ġelati ***ma qata' xejn***. Is-Surmast qagħad jara kollox. Għalkemm is-Surmast ftit kien jifhem fir-regoli ta' dawn il-ħwejjeġ kien jogħxa jara l-ħila tat-tfal. Kemm kemm ma kienx jitħajjar jgħajjat meta xi ħadd ikun dieħel l-ewwel. (par.1)

"Ħerġin tagħna Surmast..." mar jiġri jgħid<u>lu</u> s-Sur Agius.



Żewġ gruppi ta' tfal resqu lejn in-nofs tal-grawnd. Fl-art kien hemm il-ħabel lest.

"Iva. . . iva. . . hemm is-Sur Cassar arah..." kompla s-Surmast... "Ix-xjaten! Minn hawn bilkemm jidhru. Min ġej quddiem miegħi?" (par. 2)

Għal dan il-kliem l-għalliema deffsu mneħirhom mal-fildiferru. It-tfal meta raw lis-Surmast u l-għalliema tagħhom quddiem bdew jiddeffsu huma wkoll, u ***f'tebqa t'għajn*** l-iskola tas-Sur Karm Ciantar kienet mal-filliera ta' quddiem nett tintrass mal-ħadid, tgħajjat, iċċapċap u tinsulta lill-iskola ta' kontrihom. (par. 3)

Iż-żewġ gruppi tfal qabdu l-ħabel f'idejhom. Raġel fin-nofs kellu idu mgħollija dritta 'l fuq; kulħadd kien ***fuq ix-xwiek*** jistenna s-sinjal. Iż-Żrinżu kien fuq wara bil-ħabel imkebbeb serp miegħu. Is-Sur Cassar kien jidher qed ikellimhom. (par. 4)

Bdew...! "Isa... isa... iġbed Żrinżu... ejja ftit ieħor... ar'hemm... qed jiġbdukom ħmir...! Waqa' ż-Żrinżu... anke l-Bully... Tihielu Briksu... Ara Ġolu x'itih ġo żaqqu... Ara kif ħarbu l-oħrajn... Hemm wieħed infaġar...qasmulu rasu qed jgħidu... Ajma ħej deħlin il-pulizija fil-grawnd... Ara x'konfużjoni qamet f'daqqa waħda...! Fejn mar is-Surmast...? Iġru... Ħa nirkbu... Il-privates telqin...! (par. 5)

Huma u sejrin lura, t-tfal riegħduhom il-privates bl-għajjat ta' "Ħadnihielhom... ħadnihielhom...!" imma mhux daqskemm is-Surmast riegħed il-Cortina tas-Sur Delia bir-rabja u bil-kliem ħażin! (par. 6)

Silta meħud minn **<u>Is-Surmast</u>** ta' ***Trevor Żahra.***

**Ai. Wieġeb il-mistoqsijiet fi kliemek dwar is-silta li qrajt.**

1. Għalfejn kulħadd kien qed iċapċap u jsaffar? (par. 1)

2. Semmi żewġ logħbiet li kienu qed jieħdu sehem fihom it-tfal. (par. 1)

3. X'kien li wassal lis-surmast jibda jilmenta? (par. 2)

4. Xi bdew jagħmlu l-istudenti tal-iskola tas-Sur Karm Ciantar hekk kif kienu wiċċhom mal-fildiferru? (par. 3)

5. Għalfejn taħseb li poġġew liż-Żrinżu fuq wara tal-ħabel? (par. 4)

6. Kif nindunaw li f'din il-logħba tal-ġbid tal-ħabel inqala' l-inkwiet? (par. 5)

7. Min taħseb li rebaħ, l-iskola tas-Sur Karm jew l-iskola l-oħra? Agħti raġuni għar-risposta tiegħek. (par. 6)

8. Issuġġerixxi titlu għal din is-silta.

## ii. Analiżi tas-silta.

*1. Għalkemm ftit kien jifhem fir-regoli ta' dawn **il-ħwejjeġ** kien jogħxa jara l-ħila tat-tfal.* (par. 1)

a) Għalxiex qed tirreferi l-kelma **ħwejjeġ** f'dan il-kuntest?

---

b) Ikteb sentenza oħra bil-kelma ħwejjeġ biex tagħti ***tifsira differenti*** lil din il-kelma.

---

2. Agħti kelma oħra mis-silta li tfisser **l-istess** bħal:

a) jitfgħu (par. 1) ____________

b) jieħu gost (par. 1) ____________

ċ) tgħajjar (par. 3) ____________

d) imdawwar (par. 4) ____________

e) kaos (par.5) ____________

3. "**mar jiġri jgħidlu s-Sur Agius.**" (par. 2) Għal min qed jirreferi l-pronom mehmuż ***lu.***

---

4. Fisser fi kliemek dawn l-idjomi skont kif użati fis-silta

a) ma qata' xejn (par. 1)

b) f'tebqa t'għajn (par. 3)

ċ) fuq ix-xwiek (par. 4)

*5. Is-Surmast ftit kien jifhem fir-regoli ta' dan il-logħob. Huwa kien jitħajjar jibda jgħajjat bil-ferħ xħin jara lil xi ħadd dieħel l-ewwel.*

Għaqqad dawn is-sentenzi u ara li ma tbiddilx is-sens. Ibda hekk

Hekk kif is-Surmast kien jara lil xi ħadd dieħel l-ewwel ________________________

6. Sib kelma/frażi mis-silta li tfisser:

a) **popolari** (mir-par. 1): ____________________________

b) **avversarji** (mir-3 par.): __________________________________

ċ) **irbaħnielhom** (mir-6 par.): ____________________________________

## B. Grammatika

| | |
|---|---|
| **1. Aqleb f'diskors indirett.**<br>"Ħerġin tagħna Surmast," mar jiġri jgħidlu s-Sur Agius. | ____________________<br>____________________ |
| **2. Aqleb f'diskors dirett.**<br>Is-Sur Delia beda jgerger li l-istudenti tal-iskola tagħhom kienu donnhom bla ħila. | ____________________<br>____________________<br>____________________ |
| **3. Għaqqad f'kelma waħda billi tuża l-pronomi mehmużin.**<br>a) il-ħbieb tagħha<br>b) is-saqajn tagħhom<br>ċ) il-ħwejjeġ tiegħu<br>d) il-ħsieb tiegħi | ____________________<br>____________________<br>____________________<br>____________________ |

**4. Biddel in-Numri fi kliem**

a) Għall-ġurnata sports morna b'(4)________________ xarabanks.

b) Magħna kien hemm (3) _________________ għalliema.

ċ) In-numru ta' midalji mirbuħa mill-klassi tagħna kien ta' (7) _________________.

d) B'kollox ikkompetew (11) _____________________ student mill-klassi tagħna.

e) L-aqwa sportiv tal-iskola kien Max Attard li b'kollox rebaħ (8) _____________ midalji.

**5. Aqta' linja taħt il-partiċella t-tajba**

a) Is-Sur Zammit ħalla x-xogħol (**għall-, għal, għal-**) istudenti.

b) (**Bħall-, Bħal, Bħal-**) libsa ta' Ms. Tonna qatt ma rajt għax xtratha (**mill-, mil, mil-**) Ingilterra.

ċ) Is-Surmast bagħat (**lill-, lil, lil-**) xi studenti lejn id-dar talli kellhom il-ġel.

d) L-għalliem bagħat kartolina (**lill-, lil, lis-**) istudenta li kienet marida.

| **6. Imla l-vojt billi tikkonjuga verbi mill-għeruq tal-lemin.** | |
|---|---|
| a) Luca ________________ x-xogħol id-dar. | n-s-j |
| b) Huwa ________________ li ma kienx jaf li x-xogħol kien għal dakinhar. | q-w-l |
| c) L-għalliem mal-ewwel ________________ li din kienet skuża. | f-h-m |
| d) Għalhekk iddeċieda li ________________ ġewwa għar-rikreazzjoni. | ż-m-m + *lilu* |

**7. Aqleb dawn is-sentenzi fil-plural.**

a) **L-istudent** ħareġ l-ikel fuq il-mejda u beda jiekol.

**L-istudenti** ________________________________________________________________.

b) **Il-missier** ġie għat-tifel peress li kien marid.

________________________________________________________________________.

ċ) **Ħabibi** qiegħed jaqra l-ktieb li ġab mil-librerija.

________________________________________________________________.

d) **L-istudent** li rebaħ il-kompetizzjoni ntbagħat għall-finali barra minn pajjiżu.

________________________________________________________________.

**8. Aqta' linja taħt il-verb miktub tajjeb.**

a) Toni **twarrab / twarab** minn sħabu għax kien iħobb jindaħal bejn il-basla u qoxritha.

b) Sfortunatament Toni kien **iħobb / jħobb** iwebbes rasu u dam ma **ntebaħ/ intebaħ** li l-atteġġjament tiegħu kien ħażin.

ċ) It-tagħlima ħadha meta darba kien ma jiflaħx u l-għalliem infurmahom li kienu se **imorru** / **jmorru** ħarġa sal-Buskett.

d) Lil Toni ħadd ma **qallu** / **qalu** dwar din il-ħarġa u għalhekk mar l-iskola bħas-soltu bil-basket mimli kotba.

e) X'kedda ħa Toni **iġorr / jġorr** fuq spallejh il-basket tqil tal-iskola.

f) Malajr tgħallem li għandu **jerfa** / **jerfa'** salibu u ma jindaħalx aktar.

**9. Daħħal il-punteġġjatura fejn meħtieġ.**

Is-Surmast qal lill-istudenti____Se norganizzaw kompetizzjoni għall-aħjar rapport b'tema ambjentali____ L-istudent li jikteb l-aħjar rapport jingħata l-opportunità li jqatta' ġimgħa espejenza fir-riserva naturali tas-Simar minflok li jattendi l-iskola ____ kompla s-Surmast.

Samwel għoġbitu l-idea u qal lil sieħbu Steve ____ Din il-kompetizzjoni nidħlilha bis-serjetà għaliex neħles ġimgħa mill-iskola u nqatta' ġimgħa nosserva l-għasafar___

**10. Aqleb dawn is-sentenzi fin-negattiv.**

a) L-għalliema tal-klassi tagħna huma kollha dħulin u ċajtiera.

______________________________

b) L-istudenti jlestu xogħolhom fil-ħin.

______________________________

ċ) Fl-aħħar lezzjoni l-istudenti jkunu għajjenin.

______________________________

d) Il-Matematika huwa s-suġġett preferut ta' ħafna studenti.

______________________________

e) Fl-aħħar tas-sena l-istudenti jagħmlu barbikju ħdejn il-baħar.

______________________________

f) Fil-Milied l-istudenti jiġbru l-flus għall-karità.

## Ċ. Qwiel

**Qabbel dawn il-qwiel bit-tema tas-safar mat-tifsira tagħhom.**

| | |
|---|---|
| 1. Alla jagħlaq bieb u jiftaħ mija. | a) Dak li għad irid iseħħ Alla biss jafu. |
| 2. Għin ruħek biex Alla jgħinek. | b) Xi darba jew oħra tieħu dak li ħaqqek. |
| 3. Xemx u xita Alla jaf meta. | ċ) Il-providenza ta' Alla hija bla tarf. |
| 4. Alla ma jħallasx kull nhar ta' Sibt. | d) Alla jaf kulma jagħmel u jaħseb il-bniedem għalkemm ikun mistur għall-oħrajn. |
| 5. Alla biss jaf il-bniedem xi jkollu f'qalbu. | e) Huwa importanti li wieħed jistinka kemm jista' biex jimxi 'l quddiem. |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |

## D. Kitba

### i) Kitba komunikattiva

Fl-iskola tiegħek ser issir attività ta' divertiment għall-familja kollha.

Oħloq avviż għal din l-attività. Ara li tinkludi din l-informazzjoni:

Il-post, id-data, il-ħin, deskrizzjoni ta' x'se jsir, mistednin speċjali, attivitajiet divertenti, l-għan tal-attività (eż ġbir ta' fondi), hux se jkun hemm ikel u xorb, il-prezz tad-dħul.

(Tista' żżejjen l-avviż b'xi stampa jew tpinġija.)

## ii) Il-Komponiment

**Agħżel titlu u ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwaru.**

**Ibda billi tfassal il-pjan.**

a) Il-lezzjoni favorita tiegħi jew is-suġġett l-aktar li jinteressani.

b) L-importanza tal-edukazzjoni f'ħajti.

ċ) L-iskola tal-ħolm tiegħi.

d) X'taħseb dwar l-idea li l-istudenti jkunu jgħixu l-iskola u jmorru d-dar biss fi tmiem il-ġimgħa.

## E. Aqra l-poeżija u wara wieġeb il-mistoqsijiet fuqha.

### Fil-Kulleġġ

ta' **Trevor Żahra** (mill-ktieb ***Tqasqis*** p. 86)

Fil-Kulleġġ ta' San Ċirillu
Kulħadd jilbes li jfettillu.
Kull filgħodu jiġu t-tfal
B'xi kostum tal-karnival.
Is-Sur Richard Rapinett
Jilbes dejjem id-dublett,
U s-Surmast, F'Jannar u Frar
Jiġi mgeżwer ġo liżar.
Ma' nofs Ġunju, Miss Grace Cini
Tibda tiġi bil-bikini!
Mhux ta' b'xejn li kull student
F'dal-Kulleġġ jinsab kuntent.



Tqasqisa ta' Trevor Żahra mill-istess ktieb Tqasqis.

1. Agħti żewġ pari ta' kliem li jirrima f'din il-poeżija.

i. ______________________ ii. ______________________

2. X'tissejjaħ din it-tip ta' rima? Rima mbewsa ☐, Rima alternata ☐, Rima mqabbża ☐

3. X'ton għandha din il-poeżija? Ton serju ☐, Ton umoristiku ☐, Ton ta' dwejjaq ☐

4. Xi jġiegħel lill-istudenti jħossuhom kuntenti li jattendu f'din l-iskola?

______________________________________________

## Risposti għat-Taħriġ ta' Pakkett n.4

Ai. Fehim mill-Qari

1. L-ewwel Maltin li telgħu fuq l-Everest kienu Gregory Attard, Marco Cremona u Robert Gatt
2. Li l-quċċata tagħha hi 8,848 metru 'l fuq millivell tal-baħar. Li hi l-ogħla quċċata fid-dinja.
3. *Agħżel tnejn minn:*
a. Gregory Attard: kien iqatta' s-sajf jixxabbat
mal-blat.
b. Marco Cremona: kien ħa sehem fi sfida fejn
tela' muntanja fl-Afrika.
ċ. Robert Gatt: kien wieħed mill-ewwel Maltin
li bdew jipprattikaw dan l-isport, 20 sena ilu.
4. Tweġibiet varji.
5. Minħabba l-għoli tal-quċċata tal-Everest.
6. Li jekk ikun jaf x'qed jistennieh il-bniedem
ikun jista' jipprepara ruħu.
7. Li għalkemm Malta gżira ċkejkna, il-kapaċità
tal-Maltin hija kbira.
U tweġibiet varji oħra.
8. L-ewwel Maltin fuq l-Everest u tweġibiet oħra.

A ii.

1. konkwista
2. L-ogħla parti tal-muntanja.
3. mira

B 1. intlaqa'
2. verb
3. Fil-perfett
4. Kull wieħed minnhom se/ser/għad jiskopri s-seħer għall-muntanji b'mod differenti.
5a. rebħa/rebħ/rebbieħ/rebbieħa/rebħiet
b. għajxien
6a. bdew
b. jitla'
ċ. jagħmlu
d. wassal
7a. Xi ġimgħat wara li l-papà tani l-aħbar tal-vaganza fit-Toskana, ċempel it-telefown.
b. "Għalik, Toby," qaltli Jessica, "Christine."
ċ. Qalbi waqfet. Christine qatt ma kienet ċemplitli qabel.
d. "Hi Toby. Il-mamà tiegħek għadha kemm qaltli li s-sajf li ġej, inti u l-papà sa ssiefru. Kumbinazzjoni anki jiena sa nsiefer mal-mamà s-sajf li ġej. Sa mmorru sitt ġimgħat Londra għand iz-zija Wendy."

8.

| | |
|---|---|
| 1. logħba | logħob |
| 2. xarba | xorb |
| 3. ħarġa | ħruġ |
| 4. ħolma | ħolm |
| 5. qabża | qbiż |
| 6. daħla | dħul |
| 7. għafsa | għafis |
| 8. għatsa | għatis |
| 9. għodsa | għadis |
| 10. kisra | ksur |
| 11. telgħa | tlugħ |
| 12. laqgħa | lqugħ |
| 13. bikja | biki |
| 14. mixja | mixi |
| 15. rimja | rimi |
| 16. xirja | xiri |
| 17. tindifa | tindif |

9a. logħba, nżul
b. ġlieda
ċ. mixi
d. qatgħa
e. ħarba
f. waqgħa
ġ. kitba
g. safar
10a. taraġ
b. qalb
ċ. Ingliż
d. sodod
e. ħaruf
f. żebbuġ

Ċ.

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| ċ | e | a | b | d |

D. Kitba Kreattiva u Funzjonali
i. Risposti varji
ii. Risposti varji

E. Ġita - Poeżija

1. Mandy
2. Zitu
3. Min-numru ta' postijiet differenti li żaret f'temp ta' ġurnata.
4. Għalkemm kien hemm ħafna affarijiet sbieħ huma spiċċat qattgħet ħafna ħin tivvjaġġa.
5. Il-mod kif tiddeskrivi l-postijiet li żaret juri li din kienet esperjenza pożittiva.
6. Biex tevita kedda oħra bħal ta' din is-sena.
7. Iz-zija Mandy ma' żugraga.
8. Il-kelma hija *klikk* u uża r-ripetizzjoni ta' din il-kelma biex juri li qed tieħu ħafna ritratti.
9. Ir-ripetizzjoni tal-kelma *sejjer* tenfasizza il-kontinwità fl-azzjoni tal-ferrovija u tagħtina l-impressjoni li din ma tieqaf qatt.
10. bnija, Ċina
11. Rima mqabbża
12. Kwartini
13. Risposti varji
14. Risposti varji

## Risposti għat-Taħriġ ta' Pakkett n.5

A. Fehim mill-Qari
1. L-istudenti kienu qed jagħmlu kuraġġ lill-istudenti tal-iskola tagħhom.
2. Tnejn minn dawn: Tal-ixkora, qbiż bil-ħbula, it-tellieqa ta' tliet saqajn, it-tfigħ tad-diskus, it-tfigħ tal-lanza u l-ġbid tal-ħabel.
3. Għaliex ma setax jara sew lit-tfal jikkompetu fil-ġbid tal-ħabel.
4. It-tfal bdew jgħajtu, iċapċpu, u jinsultaw lil ta' kontrihom.
5. Għaliex kien l-aktar wieħed b'saħħtu.
6. Kien hemm xi tfal li weġġgħu, daħlu l-pulizija fil-grawnd u qamet konfużjoni kbira.
7. Rebħet l-iskola l-oħra għaliex is-Surmast mill-imġiba tiegħu deher li kien irrabjat ħafna.
8. Inkwiet/Saram waqt Jum l-Isports u titli oħra.

ii. Analiżi tas-silta
1a. għal-logħob
b. Il-ħwejjeġ ta' ħija qegħdin fuq is-sodda.
2a. jixħtu
b. jogħxa
ċ. tinsulta
d. imkebbeb
e. konfużjoni
3. għas-Surmast
4a. ma waqaf xejn/ kompla għaddej
b. f'ħin qasir
ċ. ma jistax jistenna aktar

5. Hekk kif is-Surmast kien jara lil xi ħadd dieħel l-ewwel <u>kien jitħajjar jibda jgħajjat bil-ferħ għalkemm (is-Surmast) ftit li xejn kien jifhem fir-regoli ta' dan il-logħob.</u>
6a. famuża
b. ta' kontriehom
ċ. ħadnihielhom

B. Grammatika
1. Is-Sur Agius informa lis-Surmast li l-istudenti tagħhom kienu ħerġin.
2. "L-istudenti tagħna donnhom bla ħila," gerger is-Sur Delia.
3a. ħbiebha
b. saqajhom
ċ. ħwejġu
d. ħsiebi
4a. erba'
b. tliet
ċ. sebgħa
d. ħdax-il
e. tmien
5a. għall-
b. Bħal-
ċ. lil
d. lill-
6a. nesa
b. qal
ċ. fehem
d. jżommu
7a. L-istudenti ħarġu l-ikel fuq il-mejda u bdew jieklu.
b. Il-missierijiet ġew għat-tfal peress li kienu morda.
ċ. Ħbiebna qegħdin jaqraw il-kotba li ġabu mil-librerija.
8a.twarrab
b. iħobb
ċ. jmorru
d. qallu
e. jġorr
f. jerfa'

9. Is-Surmast qal lill-istudenti**,** **"**Se norganizzaw kompetizzjoni għall-aħjar rapport b'tema ambjentali**.** L-istudent li jikteb l-aħjar rapport jingħata l-opportunità li jqatta' ġimgħa esperjenza fir-riserva naturali tas-Simar minflok li jattendi l-iskola**,"** kompla s-Surmast.
Samwel għoġbitu l-idea u qal lil sieħbu Steve**,** **"**Din il-kompetizzjoni nidħlilha bis-serjetà għaliex neħles ġimgħa mill-iskola u nqatta' ġimgħa nosserva l-għasafar**!"**

10a. L-għalliema tal-klassi tagħna mhumiex kollha dħulin u ċajtiera.
b. L-istudenti ma jlestux xogħolhom fil-ħin.
ċ. Fl-aħħar lezzjoni l-istudenti ma jkunux għajjenin.
d. Il-Matematika mhux/mhuwiex suġġett preferut ta' ħafna studenti.
e. Fl-aħħar tas-sena l-istudenti ma jagħmlux barbikju ħdejn il-baħar.
f. Fil-Milied l-istudenti ma jiġbrux il-flus għall-karità.

Ċ. Qwiel

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
|---|---|---|---|---|
| ċ | e | a | b | d |

D. Kitba
i. Risposti varji
ii. Risposti Varji

E. Poeżija
1i/ii. Agħżel 2 pari minn dawn: Ċirillu - jfettillu, tfal - karnival, Rapinett - dublett, Frar - liżar, Ċini - bikini, student-kuntent
2. Rima mbewsa
3. Ton umoristiku
4. Għaliex f'dan il-kulleġġ kulħadd jagħmel li jfettillu.